StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2011**

**IL-ĦAMES SENA** **IR-RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u kwart**

**L-isem u l-kunjom: ___________________** **Il-klassi: ___________**

**Taqsima 1**

**Daħħal il-kelma t-tajba mil-lista li hemm fil-kaxxa t'isfel.**

***L-ewwel waħda hija eżempju.***

Wara li l-**Lhud** kienu ilhom ħafna snin jgħixu fl-art sabiħa li Alla kien tahom, Alla wegħedhom li se jagħżlilhom sultan. Alla bagħat lill-profeta ____________________ fid-dar ta' Isaj li kien joqgħod __________________. Huwa bagħtu biex jidlek _____________ lil wieħed minn ulied Isaj bħala sultan. Isaj urieh is-sebat itfal li kien hemm id-dar, imma l-Mulej ma kien għażel lil _____________ minn dawn. Samwel staqsa lil Isaj jekk kellux iżjed tfal. Kien hemm David, iż-żgħir, li kien qiegħed fl-għelieqi jirgħa _____________. Kif David wasal id-dar, il-Mulej qal lil Samwel: "Lil dan għażilt biex ikun _____________ tal-poplu tiegħi." Minn dak il-ħin l-Ispirtu tal-Mulej ġie fuq David u baqa' miegħu sal-aħħar ta' ħajtu.





Is-sultan David għamel ħafna ġid lill-______________ kollu. Hu mexxa b'ħafna għaqal, imħabba u _______________. Aħna wkoll irċevejna l-Ispirtu tal-Mulej l-ewwel darba fil-__________________. Dakinhar aħna sirna _____________ Alla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| biż-żejt | n-nagħaġ | ulied | Betlehem |
| ~~Lhud~~ | kuraġġ | Magħmudija | is-sultan |
| ħadd | Samwel | poplu | |

**(*10 marki*)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima 2**

**Qabbel ma' xulxin dawn is-sentenzi billi tpoġġi n-numru t-tajjeb fil-kolonna tan-nofs.**

***L-ewwel waħda hija eżempju.***

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Alla hu ħaj minn dejjem | | minn meta bdejna neżistu. |
| 2. | Alla ilu magħna | | profeta. |
| 3. | Fil-Bibbja nsibu min hu Alla | | il-muntanja Sinaj. |
| 4. | Mosè kien Lhudi | | milli nħobbu 'l Alla u lill-oħrajn. |
| 5. | Alla kellem lil Mosè fuq | | hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. |
| 6. | Is-Salmi huma | | nagħmlu kuraġġ u ma naqtgħux qalbna. |
| 7. | Eżekjel kien | 1 | u ma jispiċċa qatt. |
| 8. | Bl-Ispirtu t'Alla ġo fina | | iżda mwieled l-Eġittu. |
| 9. | Id-dnub ifixkilna | | innijiet lil Alla miktubin f'għamla ta' poeżija. |
| 10. | Għalina Ġesù | | fix-xmara Ġordan. |
| 11. | Ġesù tgħammed | | u kemm iħobbna u jrid jgħinna. |

(***10 marki***)

**Taqsima 3**

**Agħmel sinjal taħt il-kelma t-tajba.**

***Eżempju*** : Sa minn ċkunitu, David kien jaf idoqq l-arpa biex (jiftaħar, ifaħħar lil Alla, jieħu pjaċir).

1. Lill-Profeta Eżekjel, Alla wrieh wied kbir mimli (fjuri, għasafar, għadam).
2. Il-kmandamenti li tana Alla huma (sebgħa, għaxra, tnax).
3. (San Ġorġ Preca, San Martin, San Franġisk) waqqaf is-Soċjetà tal-MUSEUM.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. (Il-Profeta Iżaija, San Domenico Savio, San Pietru) għammed lill-ewwe
   Insara.
5. San Martin għen lill-fqir billi tah (iż-żarbun, il-mantell, l-elmu) li kien liebes.



6. Il-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni niċċelebrawha fix-xahar ta' (Jannar, Mejju, Diċembru).
7. San Franġisk t'Assisi twieled ġo familja (sinjura, fqira, nobbli).
8. Dakinhar li l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli nsejħulu (l-Milied, Għid il-Ħamsin, l-Ġimgħa l-Kbira).
9. Il-magħmudija (tal-Profeta Eżekjel, ta' Ġwanni l-Battista, ta' San Ġorġ Preca) kienet magħmudija ta' ndiema.
10. Fit-talb aħna qed nitkellmu (mal-oħrajn, waħedna, ma' Ġesù).

**(*10 marki*)**

**<u>Taqsima 4</u>**

**<u>Ikteb żewġ sentenzi fuq kull personaġġ</u>**:

1. Mosè.



***(6 marki)***

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2. Il-Profeta Iżaija.

(6 marki)

**Taqsima 5**

**Aqra s-silta u wara wieġeb fil-qosor il-mistoqsijiet.**



Marija hija l-aktar mara qaddisa għaliex Alla għażilha biex tkun l-omm ta' Ibnu Ġesù. Madankollu, ma kinitx kburija. Kienet tmidd idejha għax-xogħol tad-dar u tara kif tgħin lill-ġenituri tagħha. Nhar ta' Sibt kienet tmur fis-sinagoga. Il-Lhud kollha kienu qegħdin jistennew lill-Messija, kif kien wiegħed Alla permezz tal-Profeta Iżaija. Jum wieħed dehrilha l-Anġlu Gabrijel u qalilha li ħa tkun Omm Alla. Lil Marija, l-Anġlu qalilha li l-kuġina tagħha Eliżabetta wkoll ser ikollha tifel.

1. Agħti titlu lil din is-silta. *(marka)*

2. Għal xiex Alla għażel lil Marija? *(2 marki)*

3. X'kienet tagħmel Marija fid-dar tal-ġenituri tagħha? *(2 marki)*

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

4. Fejn kienet tmur Marija nhar ta' Sibt biex titlob? *(2 ma*

______________________________________________

______________________________________________

5. X'wiegħed Alla lill-Poplu Lhudi permezz tal-Profeta Iżaija? *(2 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

6. Min deher lil Marija u qalilha li ħa tkun Omm Alla? *(2 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

7. X'qal l-Anġlu lil Marija dwar il-kuġina tagħha Eliżabetta? *(2 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

8. Min kien ir-raġel ta' Marija? *(2 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

9. Liema xhur huma ddedikati lil Marija? *(2 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

10. Kompli din it-talba li ngħidu lil Marija: *(4 marki)*
"Sliem għalik, Marija, bil-grazzja ______________________

______________________________________________

______________________________________________

tal-ġuf tiegħek, Ġesù." ***(21 marka)***

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima 6**

**Imla l-vojt tas-sentenza bil-kmandament mil-lista li hemm fil-kaxxa t'isfel.**

1. Fil-kmandament "________________________________________",
   Alla jridna nħobbu u nobdu lill-ġenituri tagħna.

2. Fil-kmandament "________________________________________",
   Alla ma jridniex noffenduh bi kliemna iżda nirringrazzjawh ta' kulma jiġrilna.

3. Fil-kmandmanent "________________________________________",
   Alla jridna li nhar ta' Ħadd u fil-festi nisimgħu l-quddies u nħarsu
   Jum il-Mulej.

4. Fil-kmandament "________________________________________",
   Alla jridna li ma niħdux affarijiet li mhumiex tagħna iżda nkunu kuntenti b'dak kollu li għandna.

5. Fil-kmandament "________________________________________",
   Alla jridna ngħidu dejjem il-verità.

| |
|---|
| La ssemmix l-isem t'Alla fil-batal |
| Ħares il-Ħdud u l-Festi Kmandati |
| Agħti ġieħ lil missierek u 'l ommok |
| La tisraqx |
| La tixhidx ħaġa b'oħra |

***(10 marki)***



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima 7**

**Wieġeb fil-qosor fi kliemek.**

1. X'ried juri Alla lill-poplu Lhudi fil-ġrajja ta' meta ħariġhom mill-Eġittu?

______________________________________________

______________________________________________ (2 *marki*)

2. X'għamel Domenico Savio biex iġib il-paċi bejn sħabu?

______________________________________________

______________________________________________ (2 *marki*)

3. X'jissejħu dawk in-nies li, mingħajr biża', ibatu u jmutu għal Ġesù?

______________________________________________

______________________________________________ (2 *marki*)

4. X'jagħmel fina d-dnub?

______________________________________________

______________________________________________ (2 *marki*)

5. Għaliex nużaw l-ilma fil-Magħmudija?

______________________________________________

______________________________________________ (2 *marki*)

6. Għaliex għandna naqraw il-Bibbja?

______________________________________________

______________________________________________ (2 *marki*)

***(12-il marka)***

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima 8**

**Kompli dawn is-sentenzi fi kliemek**:

***Eżempju*** : Alla ta l-kmandamenti lil Mosè biex il-poplu Lhudi jħarishom.

1. Bil-qawwa t'Alla, iż-żagħżugħ David ____________________

   ______________________________________________________. *(3 marki)*

2. Alla wiegħed lil David li min-nisel tiegħu _______________

   ______________________________________________________. *(3 marki)*

3. Alla għażel il-profeti biex ________________________

   ______________________________________________________. *(3 marki)*

4. Biex nikbru u ngħixu bħal Ġesù, għandna ________________

   ______________________________________________________. *(3 marki)*

5. San Franġisk t'Assisi sema' leħen jgħidlu biex ___________

   ______________________________________________________. *(3 marki)*

***(15-il marka)***

TMIEM IL-KARTA

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers